**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar 2020.

Rikors Numru: 517/19 AL

**A R. B**

Vs

**Dr. Graziella Tanti u P.L. Nadine Farrugia** maħtura b'digriet tal-15 ta' Novembru 2019 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti **C D E u d'digriet tat-28 ta' Jannar 2020 il-kuratrici deputat P.L Nadine Farrugia giet estromessa bħala kuratur deputat u giet sostitwita bil-P.L. Melissa Anastasi bl-istess inkarigu.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-29 ta' April 2003 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

Illi l-partijiet m'għandhomx ulied

Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba' (4) snin, tant l-intimat telaq mill-pajjiż filwaqt li r-rikorrenti tgħix hawn Malta. Għal finijiet

ta’ pratticita’ r-rikorrenti tiddikjara li l-aħħar indirizz li hija għandha tal-intimat huwa; 161, Bini tal-Gvern, Flat 6, Triq il-Wied tal-Imsida u dan kien il-fond li fih kienu jgħixu il-partijiet.

Illi l-partijiet għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin u l-ebda manteniment m’hu dovut. Minn naħa tagħha r-rikorrenti tiddikjara li stante li l-partijiet kienu diġa’ tterminaw l-komunjoni tal-akkwisti m’hemm ebda kwistjoni ta’ manteniment bejn il-partijiet;

Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalement separata minn xulxin u jgħixu f’żewġ pajjiżi differenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Novembru, 2019;

Rat illi l-kuraturi deputati debitament notifikati ma dehrux għal dawn il-proċeduri u ma prezentawx risposta.

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati *de* facto ghal aktar minn erba` (4) snin u dana peress illi l-intimat telaq minn Malta u dana wara li l-partijiet kienu diga` tterminaw itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti pendenti bejniethom;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.